**15 ta' Diċembru, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R.Hist.S.**

Elsie Demanuele

*versus*

Richard Faulkner

**Spoll – Ordni Pubbliku – Morali Pubblika – Konkubinat**

*Il-Qorti ma tistax tagħti deċiżjoni li tħalli sitwazzjoni ta' konkubinat, għax din mhux biss tmur kontra l-morali pubblika imma wkoll kontra l-liġi. Dan jiġri fil-każ fejn wieħed mill-partijiet li kienu jikkoabitaw ma' xulxin, jagħmel kawża ta' spoll wara li kien hemm allegatament tibdil fis-serratura tad-dar fejn saret il-ko-abitazzjoni.*

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attriċi kienet toqgħod flimkien mal-konvenut fil-fond *"Villa Joston" Olive Street, The Gardens,* u ilha toqgħod flimkien mal-konvenut f'dan il-post għal dawn l-aħħar snin;

Premess illi din hija r-residenza ordinarja tagħha u ħwejjiġha jinsabu fl-imsemmi fond;

Premess illi fis-17 ta' Ġunju 1984, il-konvenut biddel is-serratura ta' dan il-fond u b'hekk l-attriċi ma setgħetx tidħol f'dan il-fond aktar u minħabba f'dan l-aġir abbużiv u illegali ġie kommess spoll da parti tal-konvenut għad-danni ta' l-attriċi;

Talbet għalhekk l-attriċi lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut abbusivament u illegalment ikkommetta spoll billi biddel is-serratura tal-bieb prinċipali tal-fond *"Villa Joston", Olive Street, The Gardens,* u:

2. Tikkundannah biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti li jiporga l-ispoll kif premess billi jagħti kopja taċ-ċavetta tas-serratura tal-bieb prinċipali tal-fuq imsemmi fond biex b'hekk l-attriċi jkollha aċċess liberu;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta u riserva għal kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-attriċi;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet* tal-konvenut Richard Faulkner fejn eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eċċipjent ma kkommetta l-ebda spoll, *ai termini* tal-liġi, għad-danni ta' l-attriċi;

Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-tieni talba attriċi *m'hijiex proponibbli f'kawża ta' spoll peress li din tmur oltre* l-ipristinar fid-drittijiet allegati u pretiżi mill-istess attriċi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eċċepixxa bir-rispett:

Illi t-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa għax *mill*-provi sa issa prodotti jidher ċar li din hi kontra l-ordni pubbliku u l-mertu hu *extra commercium* b'mod li l-Qorti ma tistax tissanzjona illegalità;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet lix-xhida prodotta;

Ittrattata l-kawża;

Ikkunsidrat li din hija kawża ta' spoll istitwita mill-attriċi sabiex l-istess attriċi *una volta* li jiġi spurġat l-ispoll, tkun tista'

takkwista ċavetta tal-bieb prinċipali ta' fond u ta' liema allegatament il-konvenut bidel is-serratura. Bħala fatti ġie ppruvat li:

1. Il-kontendenti kienu jgħixu flimkien għal xi żmien bħala miżżewġin;

2. Li, wara li tlewmu, il-konvenut biddel is-serratura tal-fond *Villa Joston, Olive Street, The Gardens,* proprjetà tal-konvenut;

Issa, hemm l-eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li t-talbiet attriċi jekk jiġu akkolti jkunu jammontaw għal ksur ta' l-ordni pubbliku. Fil-fatt, m'huwiex ikkontestat, anzi jirriżulta mill-provi, li fiż-żmien li kienu joqogħdu u jikkoabitaw ma' xulxin fid-dar tal-konvenut, l-attriċi kienet miżżewġa ma' ħaddieħor. Fi kliem ieħor, bl-odjerna ċitazzjoni l-Qorti ġiet adita biex tħalli sitwazzjoni ta' konkubinat – ħaġa din li mhux biss tmur kontra l-morali pubblika imma wkoll kontra l-liġi kif fil-fatt eċċepixxa l-konvenut. Fil-mori tal-kawża, ir-raġel ta' l-attriċi miet iżda meta ġiet intavolata l-kawża kien għadu ħaj, tant li hija kienet, skond il-konvenut, tmur tivviżitah. Barra minn dan lanqas jidher li għad fadal xi rapport amikevoli bejn il-kontendenti u għalhekk lanqas ma jidher li huwa l-każ ta' akkoljiment parzjali tad-domandi attriċi;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut, kwindi tiċħad it-talbiet attriċi kif proposti. In vista tal-fatti u ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi sopportat nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti.